## FEJN HABAT LAQAT!

*MARIO VASSALLO M.A.*

# Kontribut lil *Melitensia*

# Il-kotba tal-baned tal-festi

**Li s-sajf f'Malta huwa żmien il-festi, kulħadd jafu. Ħafna huma dawk li jwasslu l-veduti u l-fehmiet tagħhom fuq il-ġurnali, ir-radjijiet u t-televiżjoni. Min jgħid ħaġa u min jgħid oħra. Bosta jistqarru d-dubji tagħhom dwar il-paganiżmu fil-festi waqt li oħrajn jikkundannaw bla riservi l-bluhat li jitwettqu waqt il-marċijiet ta' filgħodu meta kulħadd jisfa maħsul għasra, donnu fellus, bil-għaraq u bil-birra!!! L-Isqfijiet ukoll urew l-opinjoni tagħhom dwar dan kollu u meta l-ħabel tal-festi kien għoddu ħarab minn taħt il-kontroll tal-Kurja, l-irjus il-kbar iddeċidew li jagħmlu xi ħaġa li jieħdu azzjoni immedjata. Iżda mhux faċli li teduka lil min tkun tajtu r-riħ fil-qala biex jaħdem għal riħu. Biex jagħmel li jrid hu għax "illum il-festa tagħna!"**

### RELIĠJON U FOLKLOR

Però f'dan l-istadju ma rridx inkompli ntambar fuq in-nuqqasijiet tal-festi f'Malta u Għawdex. Anzi l-ħsieb tiegħi llum huwa totalment bil-maqlub. Il-festi Maltin, apparti li jiffurmaw emblema qawwija mill-folklor ħaj ta' pajjiżna u minbarra li huma attrazzjoni għat-turist li jiġi f'Malta biex iqatta l-jiem tal-btala tiegħu, huma wkoll manifestazzjoni ġgantija tal-volontarjat u ta' l-appostolat. Matul il-ġranet tal-festa ta' kull belt u raħal bosta jkunu dawk li jagħtu l-kontribut volontarju tagħhom biex il-festi ta' ġewwa u ta' barra jkunu jistgħu jirnexxu u b'hekk iħallu l-ġid rispettiv tagħhom. Id-dixxerniment ta' l-spiritwalità u d-dixxerniment tal-kultura. It-taħlita bejn reliġjon u folkor. Ir-riħa ta' l-inċens imħallta ma' l-irwejjaħ tal-gassijiet tal-ġiġġifogu. Il-qrara u t-tqarbina kkumplimentat minn flixkun birra u lenza qubbajt!!! Din hija l-festa. Il-festa Maltija. U l-ebda festa ma tkun tista' tiġi organizzata li kieku Malta ma tibqax tindokra lir-razza tal-voluntiera li jaħdmu bla heda u ba ħlas. Voluntiera li għandhom il-gazz li jmorru l-kontra l-liġi tas-suq fejn kollox huwa kkalkulat minn kemm se ntik u kemm se tħallasni. Fil-festa, il-voluntier jitkisser u mank patakka ma jdaħħal f'butu.

### NILLIVAW IL-ĦOFRA!

Wieħed jieħu pjaċir jara lir-raħal iqum mir-raqda ħelwa ta' l-apatija pubblika u matul il-jiem tal-festa jimtela bi ġġajtiet ta' nies ilkoll għaddejjin għalenija b'xogħolhom. Min jarma l-pilandri u jwaħħal l-anġli fuq il-virga li tispunta sewwasew f'nofs il-pedistall ta' l-injam irħamat. Oħrajn involuti fil-fabbrikazzjoni u l-ħruq tan-nar ta' l-ajru u ta' l-art. Il-bandisti tal-post jispiċċaw bi ġriżmejhom misluħin għax marċ jispiċċa u ieħor jibda. U kulħadd għaddej b'ħidmiet donnu r-raħal isir bejta nemel. Min jgħin lis-sagristan jarma d-damask u l-linef, in-nisa jaħslu l-qiegħa tal-maqdes u xi tnejn oħra aktar avventurużi jgħinu lill-kuntrattur jinstalla mixegħla ġenerali mal-faċċata tal-knisja. Ikun hemm min jitħajjar jarma xi esebizzjoni għall-okkażjoni waqt li oħrajn li tiġihom l-idea li jtellgħu xi letterarja f'ġieħ il-patrun jew il-patruna tar-raħal. Insomma, waqt żmien il-festa, m'hemmx lok għall-għażż. Għas-serħan. Lanqas jekk ix-xemx tkun qiegħda tbaskat dak kollu li jnzerta taħtha. Li kieku kellna nistmaw kemm isir xogħol volontarju bi tħejjija għall-festi f'Malta u nippruvaw nagħtuh figura finanzjarja, żgur mhux forsi li nillivaw il-Prodott Gross Domestiku ta' pajjiżna. Imma, sfortunatament, in-norma dinjija tgħid li l-istatistika uffiċjali m'għandhiex tinkorpora estimi ta' ħidmiet volontarji li jitwettqu minn tant individwi u għaqdiet. Li kieku kien xorta oħra, ibqgħu ċerti li l-ħofra finanzjarja f'pajjiżna ma kinitx tkun daqshekk fonda!

### IL-KOTBA TAL-BANED

Però minn dan il-ħemel ta' ħidmiet volontarji, xtaqt niffoka l-aktar fuq aspett partikulari. Fuq il-kotba li kull każin tal-banda f'Malta u Għawdex jippubblika fl-okkażjoni tal-festa tal-parroċċa. Kotba li mhux biss ikollhom informazzjoni siewja fuq il-ħidma kollha li titwettaq mill-każin matul is-sena kollha, iżda jkollhom ukoll għadd kbir ta' artikli ta' natura storika, artistika u reliġjuża. Diversi huma l-kontributuri li jiktbu artikli tassew interessanti u riċerkati tjajeb fuq dawn il-kotba tal-festa. Kitbiethom trrikkixxi l-istudju tal-Melitensia u għalhekk tkompli tixħet dawl fuq l-imgħoddi u l-preżent tal-poplu tagħna. Fuq il-mod ta' kif jaħsibha u jaġixxi. Għaliex il-ħtieġa li jixxierek fi fratellanzi, għaqdiet u movimenti. X'kien ibżżgħu fis-sekli l-imgħoddija meta t-terrur mis-sibbien tal-baħar u l-mard tal-pesta kien fl-aqwa tiegħu. X'qed ikiddu llum meta ninsabu ngħixu fl-era tat-teknoloġija fejn kollox huwa integrat f'xibka wiesgħa ta' informazzjoni. X'kien li ġiegħlu jarma l-maqdes tar-raħal b'tant opri ta' l-arti fi żmien meta daru kienet għerja għaks l-kas kien għad jaħkem fuq il-poplu ġwejjeġ maħkum minn ħakkiem li geddumu kien jgħum fix-xgħir. Għaliex dan il-ġens, sa mill-ibgħad żminijiet, dejjem poġġa l-emmna tiegħu fit-twemmin nisrani li għalih ma kienx biss soljev għal ruħu mnikkta imma ukoll għajn ta' ispirazzjoni għar-rebħa fuq l-għadu ħajjen.

### GĦERUQ U FRIEGĦI

Dawn huma xi wħud mit-temi ewlenin li fuqhom iduru dawra mejt l-artikli li sibu ppubblikati f'dawn il-kotba tal-festi. Artikli li jservu ta' twejqa kurjuża fuq l-antropolġija tal-ġens tagħha li għalkemm ċkejken fid-daqs iżda daqshekk ieħor huwa godli fil-wirt kulturali, storiku u reliġjuż tiegħu.

Dan huwa parti mill-kontribut siewi li l-każini tal-baned f'Malta qegħdin jagħtu b'riżq il-binja ta' soċjetajiet b'saħħithom li jkunu konxji minn għeruqhom sabiex ikunu kapaċi jxettlu friegħi oħrajn ġodda.



Il-każini huma ferm aktar minn organizzaturi tal-marċi

Biex il-poplu jagħraf il-passat tiegħu u b'hekk ikun f'qagħda aħjar li jsensel il-ġejjieni. Dawn il-kotba huma mezz għaqli ta' kif il-bniedem ta' ftit skola jkollu hu wkoll l-opportunità li jsir jaf dwar għeruqu, ġensu... dwaru stess.

### PROSIT!

Il-kitba ta' l-artikli u x-xogħol editorjali ta' dawn il-kotba wkoll isir fuq bażi volotnarju fejn dak li jkun jinvesti ħinu u r-riżorsi tiegħu bla ma jistenna xejn bħala ħlas. Lanqas il-kelma grazzi jew prosit! Jien ukoll, kemm-il darba, ikkontribwejt kitbieti b'riżq dawn il-pubblikazzjonijiet u nista' nobsor kemm xogħol jirrikjedu. Xogħol li forsi ħadd mhu konxju minnu għax isir fis-skiet u bla daqq ta' trombi mhux biss matul il-jiem tal-festa iżda wkoll fil-bqija tat-tnax-il xahar tas-sena. Il-pubblikazzjoni ta' dawn il-kotba hija drawwa ġdida għall-baned u l-festi tagħna. Żvilupp ġdid li mhux biss ikompli jkattar il-kulur tal-festi izda wkoll huwa meħtieġ għat-tisħiħ ta' l-identità u l-edukazzjoni popolari tal-poplu. Min-naħa tiegħi, nagħti l-ħajr tiegħi lil kull min jindriga ruħu f'din t-tip ta' ħidma u wkoll lil dawk l-azjendi kummerċjali li jikkontribwixxu finanzjarjament biex dawn il-kotba jkunu jistgħu jiġu ppubblikati u mqassma.

*Grazzi u prosit.*